# EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2000

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Ir-Raba' Sena** — **MALTI** — **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A(i) | A(ii) | A(iii) | B | Ċ | D | E(i) | E(ii) | E(iii) | F | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 10 | 6 | 5 | 10 | 8 | 13 | 8 | 12 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | |

Kummenti

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

**A. Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet**

# IZ-ZI TERES

Iz-zi Teres mietet ta' 93 sena. Baqgħet sa l-aħħar xwejħa fuq tagħha. Mid-dar tagħha tal-faċċata kienet għadha bit-tromba f'idejha, tħares lejn dak ir-restorant tagħha dejjem mimli b'mijiet ta' nies, u tara x'qed isir u tiddirieġi u tordna u tieħu gost b'dik is-siġra li kienet rabbiet hija bi tbatija. *(par. 1)*

X'ħin mietet, l-orkestra tar-restorant waqfet f'daqqa. U n-nies qamet bil-wieqfa. L-orkestra kienet qiegħda ddoqq "Canzone Appassionata". *(par. 2)*

Għaliex ir-restorant taz-zi Teres, il-lum kbir u magħruf, beda bħal daqsxejn ta' tverna għas-sajjieda hemm isfel fix-xatt ta' Santa Luċija, li allura kien kollu ħmieġ u faqar, meta z-zi Teres sabet ruħha armla b'għaxart itfal żgħar. Biex tgħajjex 'l uliedha, iz-zi Teres armat dik id-daqsxejn ta' kċina għall-beraħ bi ftit imwejjed fuq il-moll, biex is-sajjieda meta jidħlu għajjiena filgħaxija mill-baħar isibu ftit fażola sħuna b'żewġ soldi biss il-platt. U bix-xogħol u bil-għaqal irnexxielha tgħajjex 'l uliedha. *(par. 3)*

Iddeċidiet li ma tonfoqx kull ma taqla' għall-familja, avolja kienu ħdax. Iżda żammet sehem sewwa mill-qligħ sabiex tkabbar il-post. U bdiet tixtri l-frieket u l-imgħaref u xi platti u xi tazzi u kultant xi mejda oħra u xi tvalja. Ftit ftit bdew jiżdiedu l-klijenti għas-soppa tal-ħut u għall-ħut moqli tagħha li kien frisk ħaj u li ħadd ma kien jaf jagħmlu sħun u tajjeb u jfuħ bħal tagħha. *(par. 4)*

Indunaw biha l-istudenti u bdew jinżlu għandha bil-gzuz u minn għandha jagħmlu passiġġata bid-dgħajjes. Bdiet l-allegrija u beda l-kant ta' l-istudenti. U l-istudenti ta' darba saru t-tobba u l-avukati u l-professuri u l-inġinieri u l-kapijiet tal-għada. U kollha baqgħu jħobbu jmorru għand iz-zi Teres li baqgħet dejjem tkabbar u dejjem bi prezzijiet moderati. Skoprewha l-frustieri. U ftit ftit l-*ispaghetti alle vongole* tagħha bdew isiru famużi mad-dinja kollha. *(par. 5)*

(Silta meħuda minn *Jien Inħobb Nitkellem Magħkom* - Vol.II ta' Herbert Ganado )

**(i) Kontenut**

1. L-awtur ma' xiex qiegħed ixebbah ir-restorant taz-zi Teres? *(par. 1)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

2. Semmi 2 affarijiet li juru kemm iz-zi Teres kienet irrispettata. *(par. 2)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

3. X'kienet għamlet iz-zi Teres hekk kif sfat armla biex tgħajjex lill-għaxar uliedha żgħar? *(par. 3)* _______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

4. Iz-zi Teres ħadet deċiżjoni għaqlija. X'kienet, u għaliex? *(par. 4)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

5. Għaliex dawk kollha li saru jafu biz-zi Teres u r-restorant tagħha baqgħu jħobbu jmorru għandha? *(par. 5)*

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

## (ii) Grammatika

Fl-ispazju ikteb il-kelma bl-għajnuna tal-kliem fil-ġenb:

| | |
|---|---|
| 1. Iz-zi Teres kienet iżżomm restorant u mhux ________________ . | 1. Nom minn *pizza*. |
| 2. Ir-restorant taz-zi Teres kien jinsab 'l isfel tax-_______________ . | 2. Diminuttiv ta' *xatt*. |
| 3. Fuq l-imwejjed kien jitqiegħed l-isbaħ ______________________ . | 3. Kollettiv ta' *frotta*. |
| 4. Ir-restorant kien sar ____________________ wieħed. | 4. Is-superlattiv minn *qawwa*. |
| 5. Għalihom kien ____________ ____________________ li jilagħbu milli jistudjaw. | 5. il-komparattiv minn *importanza*. |
| 6. Xtraw il-ħutiet lilhom. ______________________________ . | 6. Iktibha *f'kelma waħda*. |
| 7. Biż-żmien il-ħitan _______________ u kellhom _______________ mill-ħaddiema. | 7. Verb minn *ikrah* u verb minn *żebgħa*. |
| 8. Hija marret ___________________ għax ___________________ li se tixxarrab. | 8. Verb minn *kenn* u verb minn *inkwiet*. |

(10)

## (iii) Analiżi Testwali

1. Ikteb iż-żewġ verbi li juru li z-zi Teres, għalkemm ta' 93 sena, xorta kienet għadha tmexxi r-restorant tagħha. *(par. 1)*

_____________________ _____________________ (2)

2. Ikteb il-kelma li qiegħed juża l-awtur biex juri li r-restorant għall-ewwel kien post żgħir. *(par. 3)* ____________________ (1)

3. *Avolja kienu ħdax. (par. 4)* Għal min qiegħed jirreferi n-numru **ħdax**?

_______________________________________________ (1)

4. ***xi** mejda, **xi** tvalja (par. 4)*

Il-partiċella **xi**, kif użata hawn, tfisser:

Kwantita` ☐ Daqs ☐ (1)

5. Liema kelma qiegħed juża l-kittieb flok il-kelma **turisti** fil-paragrafu 5? ______________ (1)

## B. Idjomi Maltin - Immarka b'sing taħtha l-idjoma li taqbel mas-sentenza:

1. L-għalliem ħadem għalxejn għax l-istudenti ma studjawx. ( għażaq fil-ħamrija, għażaq fl-ilma, għażaq fix-xejn )

2. Tant kien kwiet li kulħadd seta' jagħmel li jrid bih. ( donnu biċċa għaġina, donnu ftira, donnu biċċa xaħam )

3. Ħafna jgħidu li ż-żgħażagħ huma bla għaqal. ( moħħ il-qamar, moħħ ir-riħ, moħħ ix-xemx )

4. Sibniehom quddiemna f'daqqa waħda. ( bħal leħħa ta' berqa, bħal leħħa ta' dawl, bħal leħħa ta' sajjetta )

5. Kien hemm differenza kbira bejn iż-żewġt aħwa. ( min-nar għall-kesħa, min-nar għall-ilma, min-nar għall-ġebel )

(5)

## Ċ. Tiftix - Trawwim Kulturali - L-Oqsma Tal-Għerf Tal-Kultura Maltija

a) Ikteb isem il-proġett li fittixt dwaru din is-sena.

_______________________________________________ (2)

b) Semmi 4 punti dwar fiex għenek il-proġett u 4 punti fejn sibt xi diffikulta` fit-tiftix li għamilt. Agħmel bħal fl-eżempju.

| + | - |
|---|---|
| 1. Tgħallimt dwar drawwiet missirijietna. | 1. Ma stajtx insib stampi adattati li jaqblu mas-suġġett. |
| 2. Qrajt il-gazzetti biex nara x'inhu jiġri madwari. | 2. Ma stajtx nifhem kollox milli qrajt, l-aktar meta l-kotba ma kinux bil-Malti. |
| 3. ______________________ ______________________ | 3. ______________________ ______________________ |
| 4. ______________________ | 4. ______________________ |
| 5. ______________________ | 5. ______________________ |
| 6. ______________________ | 6. ______________________ (8) |

## D. Malti Komunikattiv



F'madwar 80 kelma ikteb ittra lis-segretarju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Muxi biex tagħmel xi suġġerimenti dwar kif tista' tissebbaħ il-pjazza tar-raħal. Fl-istess ħin, irringrazzjah tax-xogħol ta' asfaltar li sar f'xi toroq. L-indirizz tiegħek huwa: 7, Triq il-Fjuri, Ħal Muxi ĦMX 05. L-indirizz tal-Kunsill Lokali huwa: 106, Triq Ħarruba, Ħal Muxi ĦMX 09. Tinsiex tiffirma l-ittra.

(8)

## E(i) Poeżiji - Nadriet 4

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha

1. *Il-Miżieb ta' Anton Buttigieg*

Aħrax il-blat miżgħud tengħud u ansar,
xirkebb u ferli; u ħorox sew il-bdiewa
jitħabtu biex mill-blat u ftit ħamrija
jieħdu l-għajxien;

a. Din il-poeżija hija sunett jew saffika? ______________________ (1)

b. Fisser il-kelma *miżgħud* ______________________ (1)

ċ. X'differenza jara l-poeta fil-Miżieb f'din il-poeżija?

______________________

______________________

______________________ (2)

2. Fil-poeżiji *Il-Moll* ta' Carmel Attard u *Ħitan Tas-Sejjieħ* ta' Marjanu Vella, il-poeti jikkritikaw il-qerda ta' l-ambjent. Agħżel poeżija WAĦDA u f'madwar 5 linji ikteb x'jgħid il-poeta fuq din il-qerda.

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________

______________________ (4)

### 3. Aktar Nadriet Poetiċi

Agħżel poeżija WAĦDA mil-lista ta' hawn taħt li inti għamilt matul din is-sena. Ikteb isem il-poeta u agħti l-ħsieb tal-poeżija f'madwar 5 linji.

| |
|---|
| 'Stick no bombs', Kelma Kelma, Il-Pittur, Potenzjalita`, Għawma Bil-Lejl, Metamorphosis, Kreazzjoni, Spanja. |

Isem il-poeżija ______________________

Isem il-poeta ______________________ (1)

Il-ħsieb tal-poeżija ______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (4)

**E(ii) Dramm - Satira ta' Oreste Calleja**

Fisser dan il-kliem kif użat fid-dramm li, permezz tiegħu, Oreste Calleja joħroġ is-Satira u jikkritika sitwazzjonijiet differenti.

Eż. Taħt l-iskrivanija għolja - <u>Turi li l-iskrivan huwa aqwa min-nies li jridu jistennew fil-kju</u>.

a) rġiel bil-qiegħda fuq bank, jistennew - jistennew ir-raba' qagħqa -
______________________________________________ (1)

b) Dak ir-raġel qsajjar u mixrub ... Ftit ilu neħħa wkoll l-għanqbut li kien trabbielu bejn il-ħġieġ tan-nuċċali - ______________________________________________ (1)

ċ) Skrivan: X'inhu n-numru tiegħek?
Astronomu: GS - 3314001 - ______________________________________________ (1)

d) Astronomu: Imma jien ili ġimgħa hawn nistenna! - ______________________________________________

______________________________________________ (1)

e) Skrivan: Għal-lum daqshekk! Agħlaq dak il-bieb, Bidillu.
Raġel Qarrieqi: Imma Sur Skrivan, għadhom qas daqqu l-ħdax - ______________________________________________

______________________________________________ (1)

f) Meta tisplodi l-Bomba, l-iskrivan jgħid: X'inhi diż-żiffa?! - ______________________________________________

______________________________________________ (1)

ġ) Skrivan: Tgħidlix li bl-isplużjoni waqqgħalha l-għamad minn quddiem għajnejha u tilfet il-miżien - ______________________________________________

______________________________________________ (1)

g) Bidillu: Skużani, Sur Skrivan; għandek raġun int. - ______________________________________________

______________________________________________ (1)

## E(iii) Rumanz – L-Isqaq ta' Ġużè Chetcuti

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha

Dak il-ħin ix-xita reġgħet bdiet traxxax u beda l-leħħ tal-beraq u fil-bogħod, ir-ragħad. Ħsiebi kien għadu jhewden f'ommi. Ġbidt il-bieb warajja, u dort biex narġa' lura d-dar ħa nara ġietx, u fil-pront insib ma' wiċċi raġel imdaħħal ftit fiż-żmien, liebes pulit, bil-ġlekk u bl-ingravata, kappell lobbja u żarbun iswed, lalakka. Ħarist ċass lejh u hu wkoll waħħal ħarstu fuqi, ħarsa donnha mgerrxa, donnha mistħija, ma nafx x'naqbad ingħid, imma dik il-ħarsa ħassejtha ġo fija u qalbi bħal għal mument wieħed waqfet mit-taħbit. Dak is-sinjur tal-lobbja u ż-żarbun iswed ħabbat bil-mod il-bieb ta' Rita li nfetaħ fil-pront u, fil-pront raġa` ngħalaq. Imxejt ftit passi b'rasi ddur bija se naqa` u ma naqax. Xi ħadd kellimni minn warajja u ma tajtx kas. Il-leħen raġa` nstema` jsejjaħli u bqajt miexi nħakkek bħal wieħed fis-sakra mal-ħajt ta' l-isqaq.

a. Għaliex Stejfen kien ħareġ ifittex lil ommu?

________________________________________________

________________________________________________ (2)

b. Fisser: leħħ ta' beraq ________________________________

Ġbidt il-bieb warajja ________________________________ (2)

ċ. Is-silta hija narrattiva jew argumentattiva? ________________________ (1)

d. Ir-rumanz *L-Isqaq*, li minnu ttieħdet is-silta, jittratta dwar ambjent lokali jew dwar ambjent barrani? ________________________________________ (1)

2. F'madwar 6 linji ikteb dwar ir-relazzjoni bejn Stejfen u ommu fir-rumanz *L-Isqaq*.

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________

________________________________________________ (6)

## F. Komponiment

Ikteb madwar 400 kelma dwar WIEĦED minn dawn (Ikteb fuq karta separata)

1. Il-Millenju l-ġdid - xi jfisser għalija?
2. Ix-xogħol li nixtieq naqbad la nispiċċa mill-iskola.
3. Ma kienx mument li tlajt Paceville nhar is-Sibt li għadda!
4. L-Isport huwa ta' għajnuna għalija. Iddiskuti.
5. Il-vaganzi tas-Sajf ma jiġux biex nitgħażżen u naħli l-ħin. Iddiskuti. (20)